VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,505, 26 ta' Ottubru, 2020
Taqsima B

A.L 407 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati (Emenda Nru 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati (Emenda Nru 6) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati. LS. 465. 47.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-6a.m. nhar id-29 ta' Ottubru 2020.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-is*nack bars* u l-gabbani kollha ma għandhomx jipprovdu, joffru jew ibigħu kwalunkwe tip ta' xorb alkoħoliku lill-klijenti u għandhom jagħlqu bejn il-11p.m. u l-5a.m. tal-għada filgħodu:"; u

(b) minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll il-*bars* u l-każini kollha ma għandhomx jiftħu għan-negozju u għandhom jibqgħu magħluqa sas-6a.m. tal-1 ta' Diċembru 2020.".